MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 38/2009

**Euro Freight Services Limited (C-25544)**

**Vs**

**Ace Freighters Limited (C-12651)**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Frar 2009 permezz ta' liema titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hamest elef disa' mija u zewg Euro u tlieta u tmenin centezmu (€5,902.83) rapprezentanti ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizzi rezi lilha rigward garr ta' merkanzija; bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata bl-Avviz permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, naqset milli tipprezenta Risposta ghat-

talbiet attrici u lanqas dehret ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta fl-14 ta' Jannar 2011 u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Peress illi s-socjetà konvenuta naqset li tidher quddiem il-Qorti biex tirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà attrici, l-istess Kapitolu qed jitqies moqri u mistqarr. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' hamest elef disa' mija u zewg Euro u tlieta u tmenin centezmu (€5,902.83) bl-imghax legali dekoribbli mit-3 ta' Frar 2009, id-data tal-prezentata ta' l-Avviz, sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------